# Għaddew 40 sena... Tifkiriet

minn A.M.B.



## Daħla

L-ewwel snin tal-ħamsinijiet fl-istorja ta' Birkirkara u tal-Kolleġġjata Elenjana ma jintesewx malajr. Kieku xi ħadd kellu jagħmel '*reprint*' tal-ktieb ta' E. B. Vella "Storja ta' Birkirkara u l-Kolleġġjata tagħha" (Empire Press, 1934), ikollu jżid suppliment twil ħafna jew volum ieħor li jkopri wisq aktar minn nofs seklu ta' ġrajjiet sbieħ u koroħ. J'Alla din tkun stedina biex ma ngħidx sfida, għall-istudjużi ta' l-istorja (li f'Birkirkara ma humiex neqsin) li jimlew dan il-vojt, li malajr jew jintesa inkella jgħaddi mgħawweġ u b'xi xejra partiġjana. Ninsabu fl-era tal-informatika, fejn kull għerf ikun aċċessibli bil-kumdita' kollha. Grazzi għall-progress tax-xjenza, libreriji kbar u dokumenti rari jistgħu jintlaħqu minn kulħadd u kullimkien sa minn djarna. Permezz tal-'*internet*' qed iseħħu għeġubijiet kbar.

## Festi fl-Irħula

Il-festa reliġjuża ta' kull raħal hi ġrajja mportanti u fiha diversi

aspetti: dak reliġjuż, soċjali, folkloristiku, artistiku, storiku, filodrammatiku u kummerċjali. Il-festa tinvolvi diversi kategoriji ta' nies u soċjetajiet jew gruppi: il-baned, tan-nar, il-kleru u tal-armar estern. Meta kollox imur sewwa dawn kollha jaħdmu għalenija pero' għall-istess skop. Il-gwerra mondjali (1939 - 45) sfrattat u waqfet ir-ritmu tal-festi. Il-biża' tal-attakki mill-ajru, il-qerda ta' diversi tempji u postijiet tal-kult, il-moviment ta' persuni minn belt jew raħal għall-ieħor għal aktar sigurta', ma ħallewx is-sbuħija tal-festi ta' żmien il-paċi. Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kienu jsiru b'ċerti restrizzjonijiet, mingħajr daqq ta' qniepen u dawl kif ukoll fil-ħinijiet (e.g. il-Milied). Birkirkara ukoll intlaqtet minn dan, minkejja li fl-eqqel tal-gwerra, kbir kien in-numru ta' refuġjati li sabu kenn f' dan il-post. Iżda fil-każ tagħna kien hemm kawża oħra pekjulari.

### Ftit ta' Storja

Il-liġijiet ta' l-istorja ma jaħfruha lil ħadd. Veru li l-ġrajjiet iridu jiġu meqjusa bil-kriterji ta' dak iż-żmien li fih jiġru. Hekk irridu nkejlu dak li ġara. Il-Kolleġġjata Elenjana imwaqqfa mill-Papa Urbanu VIII fil-5 ta' Diċembru 1630, permezz ta' Bolla Papali (li l-oriġinali tagħha ħadhom jeżistu), tgawdi d-dritt tal-Ġuspatronat. Dan ifisser li meta jmut jew jirriżenja xi kanonku, sħabu jagħżlu b' ċerti riżervi minn jimla' postu bħala membru sħiħ fil-Kapitlu. Wara jieħu mill-Awtorita', l-Investitura Kanonika (il-Pussess). Il-Ġuspatronat Attiv jirrigwarda lil min jagħażel, dak Passiv lil min jintgħażel. Ma ninsewx li l-għan ewlieni tal-Kolleġġjata hu s-solennita' tal- Liturġija li tiġi esegwita fil-knejjes kolleġġjati. Il-Kapitulari huma obligati li jwettqu xogħol ieħor pastorali, ġa deskritt fl-Istatuti Kapitulari approvati mill-Papa Barberini fl-1635.

F' Settembru tal-1935 waslet ordni minn oqsma superjuri biex fi żmien sena r-renti li jingħtaw lill-kanonċi bħala mezz ta' għajxien iridu jaqbżu l-£10 Sterlini, altrimenti l-benefiċji kollha jintilfu. Dan laqat fil-laħam il-ħaj lill-Kanonikati Elenjani, li għalkemm kellhom bosta proprjeta' mmobbli għall-iżvilupp biex jogħlew ir-renti, kien jeħtieġ ta' perjodu itwal minn sena. It-talba ma ġietx

konċessa. Dispjaċir kbir ħakem lill-poplu inkluż lill-kleru. Bit-tħabrik tal-kjeriku Salvinu Borg Olivier, kantant u ġenealoġista tajjeb u bniedem ta' l-affari tiegħu, twaqqfet is-Soċjeta' Dun Filippu Borgia, bħala rappreżentanta leġittima tal-poplu Karkariż. L-uffiċjali tagħha fetħu kawża f'Ruma quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju u aktar tard il-kawża tressqet quddiem is-Sagra Romana Rota. Din ta' l-aħħar stqarret li hi inkompetenti li tagħti ġudizzju fuq il-materja. F' Ruma kien hemm jiddefendi l-avukat D'Alessandri. Fl-intervall li l-festi esterni ma kinux isiru, minħabba l-kwistjoni, il-festa ta' ġewwa kienet issir xorta; il-proċessjoni ta' qabel il-quddiesa solenni ta' nhar il-festa titulari kienu jiċċelebrawha l-kanonċi 'per turno'. F'Jannar tal-1949, kien hemm inċident mhux sabiħ wara protesta popolari, għax il-poplu kien qalbu mnikkta. Kien hemm barrani li approfitta ruħu minn din is-sitwazzjoni doloruża u tenna xi kliem barra minn postu. L-Awtorita' Ekklesjastika ma kenitx kuntenta b' din is-sitwazzjoni u l-kap tad-Djoċesi għamel ħiltu biex tinsab soluzzjoni ġusta. Il-Kapitlu ma baqax lura. Issieħeb mas-Soċjeta' Borgia fil-kawża f'Ruma. Niftakar meta fl-1949 il-President Edgar Mizzi u n-Nutar Ġius Gatt għas-Soċjeta' u r-Rev.mu Mons. Emmle Vella u l-Kan Vincenzo Saliba telgħu Ruma biex jikkonsultaw ruħhom ma' l-aqwa kanonisti fuq il-kawża. Fl-intervall kienu qegħdin isiru żviluppi biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni kontemplata miċ-ċirkulari ta' Settembru 1935.

## Iżernaq Żmien Ġdid

Fuq rakkomandazzjoni ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fit 18 ta' Jannar 1950, it-tempju Elenjan (mibni bejn l-1727 - 45), ġie mgħolli għad-dinjita' ta' Bażilika Minuri, waqt li kien hemm ħjiel serji li l-kwestjoni tal-Ġuspatronat ser tiġi rimedjata. Din il-ġrajja ġabet bidla kbira fil-paroċċa. Reġgħu bdew isiru b'mod solenni l-festi reliġjużi esterni. Iż-żewġ baned Karkariżi għamlu ftehim bejniethom quddiem tliet rappreżentanti tal-Kapitlu (fid-29 ta' Jannar 1950) dwar meta u kif sejrin jieħdu sehem fil-festa. Saru ringrazzjamenti pubbliċi 'l Alla u lill-Awtorita' tal-Knisja f'Malta. Ġest sabiħ kienet il-kuruna ġdida tad-deheb għal ras l-istatwa tal-Patruna. Saru l-'insigna' kollha ta' knisja Bażilikali. L-altar

maġġur hekk rikk ta' 14-il kwalita' xogħol ta' Salvu Psaila, flimkien mal-ventartal tal-fidda ta' Cannataci, it-tużell prezzjuż, il-ġirandola u l-gandlieri u l-arredamenti kollu ta' l-artal hekk imponenti ma ġewx mibdula fi tribuna u sempliċi mensa.



## Ripristinu tal-Iuspatronat

Kellhom jgħaddu xi snin biex it-talba tal-Kapitlu konnessi mal-privileġġi li jgħoddu mijiet ta' snin jiġu konfermati wara d-digriet ta' l-1935. F' Novembru 1953, l-Arċisqof Mikiel Gonzi assigura lill-Kongregazzjoni li dak li kienet talbet fl-1935 dwar l-ammont ta' renti u tal-prebendi, illum hu sodisfaċenti; għalhekk l-istess S.C.C. fid-19 ta' April 1955 f' dokument 1032/D taħt il-firma tal Kard Prefettt Ciriaci u ta' F. Roberti segretarju, irriparat il-Ġuspatronat, iżda għamlet xi riżervi dwar xi kwalitajiet rikjesti f'xi kanonikati.

Il-Kapitlu Elenjan u xejn anqas is-Soċjeta' Borgia ferħanin b' din is-sitwazzjoni tant mixtieqa, raw li hu opportun li joħorġu l-editti biex jintlew il-5 kanonikati battala. L-editt bil-firma tal-Prepostu bħala preminent u tal-Kanċillier bis-siġill tal-Kapitlu, ħarġu fit-13 ta' Marzu 1956 u twaħħlu fil-parroċċi kollha li kienu jagħmlu parti minn Birkirkara. Kien nhar il-Ħamis filgħodu wara l-quddiesa tal-Ispirtu s-Santu (ċelebrata b' mod eċċezzjonali minn Mons. E. Vella, Prepostu), il-kapitulari kollha lebsin l-abiti korali, mxew wara l-mazzier Ant. Pisani għall-Awla tal-Kapitlu wara l-kant tal-'Veni Creator'. Hawn skond id-drawwa sekolari wara l-qari tal-minuti tal-laqgħa u studju dwar il-proċess tal-għażla, jinfetħu

t-talbiet tal-konkorrenti u ssir l-għażla b' vot sigriet permezz tal-boxxlu. Il-membri tal-Kapitlu kienu: il-Prepostu E. Vella, id-Dekan G. Micallef, il-Kantur V. Ciappara, it-Teżorier G. Aquilina, l-Antikwijur C. Bezzina, Giov. Calleja, V. Saliba, G. Zahra, V. Buhagiar, il-Penitenzier Ġakbu Micallef u C. Pirotta. Billi l-Kanċillier Mallia Borg kien wieħed mill-konkorrenti, kellu jintgħażel aġent Kanċillier li kien l-Antikwijur C. Bezzina. Kien hu l-ffirma l-ħatra ta' l-4 kanoċi magħżula, bl-assenjazzjoni tal-prebenda li tbattlet mill-predeċessur tagħhom. Fiha talabhom biex jitolbu lill-Awtorita' tal-Knisja f' Malta biex tagħtihom l-Investitura Kanonika (e.g. il-Pussess). Il-kanonċi l-ġodda kienu Dun Ġwann Micallef li fl-1945 irriżenja biex mar Missjunarju fl-Indja, Dun Manwel Grech Kappillan tal-Kor u ċeremonier Kapitulari, Dun Anton Mallia Borg Kappillan tal-Kor u Segretarju tal-Kapitlu u Dun Pawl Gauci Kappilan tal-Kor u Arkivista. Skond il-Fondazzjoni Pierina, il-kanonikat tat-Teologu li tbattal meta Ciappara sar Kantur, kellu jieħu tliet xhur oħra biex jinħatar min jimla' din il-prebenda. Difatti ġie magħżul Dun Anton Mallia li ħa l-pussess fit-2 ta' Awissu 1956. Dun Gużepp Micallef kien ġie maħtur Kanċillier Kapitulari.

### Il-Pussess tal-Kanonċi l-Ġodda

L-investitura ta' l-4 Kanonċi saret il-Ħadd 15 ta' April 1956, filgħaxija u kienet festa kbira għal Birkirkara. Iż-żewġ baned ftehmu biex waħda minnhom takkumpanjhom mill-Knisja ta' San Pawl għall-Bażilika qabel il-pussess u l-oħra tniżżilhom saċ-ċirklu San Pietru fejn sar riċeviment bil-parteċipazzjoni ta' bosta nies. Iċ-ċerimonja tal-pussess ġiet preseduta mill-Vigarju Ġenerali l-E.T. Mons Em. Galea. Il-Bażilika kien maħnuqa bin-nies. Wara li l-Kanonċi ħadu l-ġurament ta' fedelta' lejn il-Kapitlu li jħarsu dak kollu li jgħożż, il-pofessjoni tal-fidi, l-Isqof Galea libbes l-abiti korali u tahom il-post fis-sedja tal-kor u fl-Awla Kapitulari. L-aktar anzjan fosthom intona t-'Te Deum' u wara saret it-tgħannieqa ta' paċi ma' sħabhom. Iż-żewġ baned stiednu wkoll il-kanonċi ġodda u lil sħabhom, lis-Soċjeta' Borgia u korpi oħra kostitwiti fit-22 ta' April u 20 ta' Mejju ta' dik is-sena biex ikomplu jifirħu magħhom.

## 40 Sena Wara.

Għaddew bosta snin u fil-preżent hemm 5 kanonikati oħra battala. Fost dawk preżenti ma għadekx tara l-istess uċuh ta' 40 sena ilu. Fosthom ukoll ma jidhrux Dun Ġwann Micallef u Dun Manwel Grech, anqas il-kanonċi tal-unur Dun Manwel Ghigo, Dun B. Fsadni, Dun G. B. Psaila, Dun G. Theuma u l-kjeriċi Salv. Borg Olivier u Carm. Bonavia. Id-dinjitajiet tal-Kapitlu ma fadal ħadd mill-antiki, illum hemm oħrajn. Tbiddel ukoll il-mazzier; dak li llum hu Joe Debono li ilu jokkupa din il-kariga għal 36 sena. Iċ-ċeremonier hu bniedem lajk, John Zammit. Fost il-Kanonċi Onorarji hemm l-Arċipriet Mikiel Agius, Mons Carm. Sciberras u Mons Carm. Bianco. L-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1961 kien ħatar ukoll lil Mons George Crennan ta' l-Awstralja minħabba l-kontribut tiegħu favur ħutna l-emigranti. Il-kanonċi ta' llum għadhom jaqdu l-Kolleġjata kemm bir-reċita korali ta' kuljum kif ukoll bil-ħidma pastorali li llum saret aktar meħtieġa u esiġenti. Waħda ma teskludix lil oħra, kif wara kollox din kienet ix-xewqa tal-Fundatur Borgia. Hekk għamel warajh id-Dekan Dun Pierin Borg li fost il-kanonikati li waqqaf assenjalhom ħidma pastorali speċifika. Hekk kien jixraq u hekk sar u hekk nittamaw li jkompli jsir. Dan hu l-awgurju tal-kittieb ta' dan kollu.

## Għeluq.

F'dan li ktibt, barra dak li għadni niftakar, ikkonsultajt kitbiet f''*back numbers*' tal-programm tal-festa, xi kitbiet li ħabibi Joe Deacon, ex-President tas-Soċjeta' Borgia, xi gazzetti ta' dawk il-jiem u x'fakkruni ċerti ħbieb tiegħi. Hi x-xewqa tiegħi li ħaddieħor oġġetivament ikompli jikteb dwar oġġetti simili, jagħmel riċerki u kuntatti ma' persuni li jkunu jiftakru bosta ġrajjiet mhux miktuba, biex ma jintilfux għal ta' warajna.

2 ta' Marzu, 1996